MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1872/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Forestals (Appliances) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm103.50), hlas ghal servizz moghti lis-socjeta konvenuta li jikkonsisti f'servizz ta' approvazzjoni ta' tip dwar taghmir tat-telekomunikazzjoni bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha eccepiet:

(1) Is-socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija qatt ma qabdet lis-socjeta attrici sabiex taghmel xi xogholijiet ghaliha;

(2) It-talba tas-socjeta attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

(3) Is-somma rikjesta m'hijiex dovuta.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ikkunsidra:

1. It-Tribunal kif presjedut diga' kellu l-opportunita li jitratta dawn l-eccezzjonijiet f'kawzi ohra li jitrattaw l-istess meritu bhal din il-kawza. F'dan ir-rigward qieghed jaghmel riferenza ghas-sentenzi moghtija fil-kawzi fl-ismijiet: **Maltacom plc vs ICL Malta Limited** (Avviz numru 1847/01AE) deciza in parte fl-4 ta' Gunju 2002; **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 2042/01AE) deciza fil-25 ta' Settembru 2002; **Maltacom plc vs Sandro Lauri noe** (Avviz numru 1987/01AE) deciza fil-25 ta' Settembru 2002; **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 1897/01AE) deciza fil-25 ta' Settembru 2002. A skans ta' ripetizzjoni zejda t-Tribunal qieghed jaddotta r-ragunament espress f'dawk is-sentenzi.

2. Fir-rigward ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghab-bazi ta' l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili, dan jipprovdi ghall-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn ghal:

*"l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu".*

It-Tribunal m'huwiex tal-fehma li din il-preskrizzjoni hija applikabbli ghal dan il-kaz stante li s-servizz li pprovdiet is-socjeta attrici ma jistax jigi kkwalifikat bhala wiehed

minn dawk li jissemmew fl-Artikolu precitat. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

3. Wara li t-Tribunal qies il-provi li tressqu quddiemu, qieghed ighaddi biex jiffissa hlas ta' hamsin lira Maltija (Lm50) bhala l-hlas dovut lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, u bl-imghax min-notifika ta' l-avviz tat-talba.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**